## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **618/2023**

**L-AVUKAT JOSEPH CAMILLERI (KI 384279M)**
**BĦALA MANDATARJU TAS-SOĊJETA' ESTERA**
**CC NETWORK (ASIA) LIMITED,**
**SOĊJETA' REĠISTRATA ĠEWWA HONG KONG**
**BIN-NUMRU TA' REĠISTRAZZJONI 872650**
**FL-INDIRIZZ 31/F, 148, ELECTRIC ROAD, NORTH POINT, HONG KONG**

**VS**

**MTACC LTD (C 71976)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali sabiex is-soċjeta' MTACC Ltd tiġi ordnata tirrifondi lis-soċjeta' CC Network (Asia) Ltd is-somma ta' ħamsa u disgħin elf tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€95,325.89), konsistenti f'mija u elfejn, tmien mija u tnejn u tletin Dollari Amerikani u tnejn u sebgħin ċenteżmu ($102,832.72), illum ekwivalenti għal ħamsa u disgħin elf, mija u ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€95,135.54) jew somma oħra verjuri skont ir-rata tal-kambju viġenti, oltre s-somma ulterjuri ta' mija u disgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€190.35);

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat nhar l-għoxrin (20) ta' Ġunju 2023, ir-rikorrent **<u>Av Joseph Camilleri noe</u>** ippremetta:

   a. *Illi s-soċjeta' konvenuta topera servizzi ta' online payment portal bl-isem ePayService. L-esponenti daħlet f'User Agreement mas-soċjeta' konvenuta (kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata bħala* ***Dok CC1****) bil-għan illi jiġu pprestati lilha servizzi ta' pagamenti elettroniċi tramite l-payment portal imsemmi;*

   b. *Illi preżentement is-soċjeta' esponenti għandha total ta' ħames (5) wallets elettroniċi mas-soċjeta' konvenuta (kif inhu evidenti fl-istatement anness u mmarkat bħala* ***Dok CC2****), liema wallets għandhom total ta' ħamsa u disgħin elf, tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€95,325.89) konsistenti f'mija u elfejn, tmien mija u tnejn u tletin dollari Amerikani u tnejn u sebgħin ċenteżmu (102,832.72 USD), ekwivalenti skont ir-rata tal-kambju tal-14 ta' Ġunju 2023, għal ħamsa u disgħin elf, mija u ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€95,135.54), oltre s-somma ulterjuri ta' mija u disgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€190.35);*

   c. *Illi s-soċjeta' esponenti tinstab f'sitwazzjoni fejn ma tistax tirtira l-fondi u dan peress illi l-possibilita' li s-soċjeta' esponenti tagħmel dan, liema*

*possibilita' kienet teżisti preċedentement, tneħħiet mis-sit elettroniku tas-soċjeta' konvenuta;*

d. *Illi din is-sitwazzjoni poġġiet lis-soċjeta' esponenti f'diffikulta' u qed tikkawżalha preġudizzju serju, peress illi s-soċjeta' konvenuta effettivament qed timblokka kwalunkwe irtirar tal-fondi appartenenti lis-soċjeta' esponenti mingħajr ma provdiet l-ebda raġuni valida fil-liġi għal dawn l-azzjonijiet;*

e. *Illi apparti minn hekk, minkejja li s-soċjeta' esponenti kkomunikat kemm-il darba mas-soċjeta' konvenuta bil-għan illi tiġi riżolta din il-problema u l-fondi jiġu rilaxxati, is-soċjeta' konvenuta mhux talli baqgħet inadempjenti iżda talli qatgħet kull kuntatt mal-esponenti u qed tinjora kull attentat tal-esponenti illi tikkomunika magħha u tifhem x'inhu jiġri;*

f. *Illi għalhekk is-soċjeta' esponenti ma kellhiex għażla oħra ħlief li tikkawtela d-drittijiet tagħha u tintavola l-kawża odjerna;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent noe talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta MTACC Ltd ibblukkat il-fondi appartenenti lis-soċjeta' esponenti CC Network (Asia) Limited mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

   ii. *Tiddikjara illi konsegwentement is-soċjeta' konvenuta għandha tirrilaxxa l-fondi kollha appartenenti lis-soċjeta' esponenti fl-ammont ta' ħamsa u disgħin elf, tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€95,325.89) konsistenti f'mija u elfejn, tmien mija u tnejn u tletin dollari Amerikani u tnejn u sebgħin ċenteżmu (102,832.72USD) illum ekwivalenti għal ħamsa u disgħin elf, mija u ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€95,135.54) jew somma oħra verjuri skont ir-rata tal-kambju viġenti, oltre s-somma ulterjuri ta' mija u disgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€190.35);*

iii. *Tordna u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tirrifondi lis-soċjeta' konvenuta l-ammont ta' ħamsa u disgħin elf, tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€95,325.89) konsistenti f'mija u elfejn, tmien mija u tnejn u tletin dollari Amerikani u tnejn u sebgħin ċenteżmu (102,832.72 USD) illum ekwivalenti għal ħamsa u disgħin elf, mija u ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€95,135.54) jew somma oħra verjuri skont ir-rata tal-kambju viġenti, oltre s-somma ulterjuri ta' mija u disgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€190.35);*

*Salv kull dritt ulterjuri spettanti lis-soċjeta' attriċi;*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra s-soċjeta' konvenuta, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 928/2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta.*

4. Permezz ta' digriet mogħti fil-ħamsa (5) ta' Lulju 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, għaxra (10) t'Ottubru 2023, b'ordni għan-notifika tar-rikors lis-soċjeta' intimata, illi ngħatat għoxrin (20) jum biex tirrispondi skont il-liġi;

5. Is-soċjeta' konvenuta **MTACC Ltd**, debitament notifikata bil-proċedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni nhar is-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2023, naqset milli tippreżenta risposta ġuramentata għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, u għalhekk ġiet dikjarata waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Diċembru 2023 bħala kontumaċi;

6. Is-soċjeta' konvenuta ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet finali nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2024.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent noe u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Rat illi, wara illi saru t-tentattivi kollha għan-notifiki tas-soċjeta' konvenuta skond il-liġi, is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors promotur nhar is-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2023, iżda naqset milli tippreżenta risposta ġuramentata fit-terminu lilha konċess. Is-soċjeta' konvenuta ġiet għalhekk dikjarata fi stat ta' kontumaċi waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Diċembru 2023;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Paul Billett** virtwalment waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Frar 2024[1];

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjeta' konvenuta fit-terminu lilha konċess minn din il-Qorti skont il-liġi, datata tnax (12) ta' Marzu 2024 a fol 49 *et seq* tal-proċess;

11. Rat illi r-rikorrenti noe rrimetta ruħu għal dak li jirriżulta mill-atti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2024;

12. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

14. Il-Qorti:

    a. Rat illi **Paul Billett,** *Chief Financial Officer* tal-grupp tal-kumpaniji illi jinkludu s-soċjeta' rikorrenti CC Network (Asia) Ltd, ikkonferma illi s-soċjeta' rikorrenti għandha mas-soċjeta' konvenuta *"five wallets, three of which were in US dollars which was the bulk of the funds that we had, were in US dollars, and that totalled to one hundred and six*

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 42 *et seq* tal-proċess

*thousand eight hundred and fifty five dollars and sixty four cents across those three wallets. We had one wallet that was denominated in euros which had one hundred and ninety euros and thirty five cents in it [...] and one GPP wallet which had no funds in it."*[2];

b. Rat l-*istatement* anness mar-rikors promotur u mmarkat **Dok CC2** a fol 20 tal-proċess, li minnu jirriżulta illi l-ammont miżmum mis-soċjeta' konvenuta huwa preċiżament l-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti fir-rikors ġuramentat, u cioe $102,832.72 u €190.35;

c. Rat illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta' konvenuta kif rappreżentata minn PwC Advisory Services Malta Ltd maħtura mill-MFSA ai termini tal-Artikolu 17(1)(a)(c) u (d) tal-Kap 376 tal-Liġijiet ta' Malta biex tirrappreżentaha, ikkonfemat illi *"l-ammont mitlub mir-rikorrenti nomine hija waħda ġusta w għalhekk dovuta"*, iżda illi *"f'dan l-istadju l-ammont mitlub ma jistax jitħallas lir-rikorrenti nomine stante illi l-persuna kompetenti għad m'għandhiex aċċess għall-fondi li suppost kienet qed tiddetjeni s-soċjeta' intimata"*[3];

15. Fl-ewwel lok, filwaqt illi huwa minnu illi l-ammont konfermat minn Paul Billett huwa ftit ogħla minn dak pretiż fir-rikors ġuramentat, din il-Qorti tqis illi hija għandha tmur għall-ammont illi jirriżulta mill-*iscreenshot* tas-sistema annessa bħala **Dok CC2** mar-rikors ġuramentat, liema ammont jaf ikun aktar preċiż u huwa dak reklamat mis-soċjeta' rikorrenti fir-rikors tagħha;

16. In oltre, minkejja illi huwa minnu illi s-soċjeta' intimata ssostni illi preżentement m'għandhiex minn fejn tħallas lir-rikorrenti noe, din il-Qorti tqis illi xorta waħda jkun għaqli illi s-soċjeta' rikorrenti tingħata titolu eżekuttiv illi jkun jista' jiġi eventwalment enforzat, gialadarba s-soċjeta' intimata kkonfermat ukoll illi l-ammont pretiż huwa dovut;

---

[2] A fol 44-45 tal-proċess
[3] A fol 50 tal-proċess

17. Din il-Qorti tqis għalhekk illi ġie sodisfaċentement pruvat illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrent noe fl-ammont pretiż, u cioe l-ammont ta' $102,832.72 u €190.35;

18. F'dak illi jirrigwarda l-imgħax dovut, din il-Qorti rat illi ma tirriżultax mill-atti xi data partikolari illi fiha kellha tiġi esegwita l-obbligazzjoni ai termini tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant sejra tordna illi l-imgħax ikun dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

19. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti</u>**, u tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta MTACC Ltd ibblukkat il-fondi appartenenti lis-soċjeta' CC Network (Asia) Limited mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

ii. **<u>Tilqa' t-tieni talba rikorrenti</u>** u tiddikjara illi konsegwentement is-soċjeta' konvenuta għandha tirrilaxxa l-fondi kollha appartenenti lis-soċjeta' CC Network (Asia) Limited fl-ammont ta' **ħamsa u disgħin elf, tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€95,325.89)** konsistenti f'mija u elfejn, tmien mija u tnejn u tletin dollari Amerikani u tnejn u sebgħin ċenteżmu (102,832.72USD) illum ekwivalenti għal ħamsa u disgħin elf, mija u ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€95,135.54), oltre s-somma ulterjuri ta' mija u disgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€190.35);

iii. **<u>Tilqa' t-tielet talba rikorrenti</u>**, u tordna u tikkundanna lis-soċjeta' MTACC Ltd sabiex tirrifondi lis-soċjeta' CC Network (Asia) Limited l-ammont ta' **ħamsa u disgħin elf, tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro**

**u disgħa u tmenin ċenteżmu (€95,325.89)** konsistenti f'mija u elfejn, tmien mija u tnejn u tletin dollari Amerikani u tnejn u sebgħin ċenteżmu (102,832.72 USD) illum ekwivalenti għal ħamsa u disgħin elf, mija u ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€95,135.54), oltre s-somma ulterjuri ta' mija u disgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€190.35), bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tas-soċjeta' konvenuta, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 928/2023.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**